32000D0540

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Settembru 2000

li jistabbilixxi fil-prinċipju il-kompletezza tar-rapporti sottomessi għall-eżami dettaljat in vista tad-dħul possibbli ta' RH-7281 (zoxamide), il-B-41;E-187 (milbemectin), il-BAS500F (pyraclostrobin) u l-AEF130360 (foramsulfuron) fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(notifikata bin-numru tad-dokument Ċ(2000) 2285)

(2000/540/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/141/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda l-t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE [2] u partikolarment l-Artikolu 6(3) ta' l-istess,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") stipulat l-iżvilupp ta' lista Komunitarja dwar is-sustanzi attivi awtorizzati sabiex jiġu inkorporati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Ġie sottomess rapport dwar is-sustanza attiva RH-7281 (zoxamide) mir-Rohm and Haas France SA lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-2 ta' Ġunju 1999 bil-għan li jinkiseb id-dħul tagħha fl-Anness I għad-Direttiva.

(3) Ġie sottomess rapport dwar is-sustanza attiva B-41; E-187 (milbemectin) mis-Sankyo Company Limited lill-awtoritajiet Olandiżi fis-6 ta' Marzu 2000 bil-għan li jinkiseb id-dħul tagħha fl-Anness I għad-Direttiva.

(4) Ġie sottomess rapport dwar is-sustanza attiva BAS500F (pyraclostrobin) mill-BASF AG lill-awtoritajiet Ġermaniżi fit-28 ta' Frar 2000 bil-għan li jinkiseb id-dħul tagħha fl-Anness I għad-Direttiva.

(5) Ġie sottomess rapport dwar is-sustanza attiva AEF130360 (foramsulfuron) mill-Aventis GmbH lill-awtoritajiet Ġermaniżi fit-30 ta' Marzu 2000 bil-għan li jinkiseb id-dħul tagħha fl-Anness I għad-Direttiva.

(6) L-awtoritajiet msemmija indikaw lill-Kummssjoni illi, b'eżaminazzjoni preliminari, ir-rapport jidher illi jissodisfa l-ħtiġijiet dwar l-informazzjoni u t-tagħrif ta' l-Anness II għad-Direttiva. Inoltrè, huma illi r-rapport jikkontjeni informazzjoni u tagħrif meħtieġ mill-Anness III għad-Direttiva fir-rigward ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkontjeni s-sustanzi attivi ikkonċernati. Sussegwentement, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), id-rapporti ġew sottomessi mill-applikant lill-Kummssjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

(7) Id-rapport dwar ir-RH-7281 (zoxamide), il-B-41;E-187 (milbemectin), il-BAS500F (pyraclostrobin) u l-AEF130360 (foramsulfuron) ġew riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil-31 ta' Mejju 2000.

(8) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jitlob li jiġi konfermat fil-livell Komunitarju illi kull rapport għandu jiġi konsidrat illi jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġijiet dwar l-informazzjoni u t-tagħrif provvduti fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkontjeni s-sustanza attiva interessata, fl-Anness III għad-Direttiva.

(9) Tali konferma hija meħtieġa sabiex tiġi segwita l-eżaminazzjoni dettaljata tad-rapport kif ukoll sabiex tagħti lill-Istati Membri l-possibbilità li jikkonċedu awtorizzazjoni proviżorja lill-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkontjenu din is-sustanza attiva bir-rispett dovut għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u partikolarment il-kondizzjoni li ssir stima dettaljata tas-sustanzi attivi u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward tal-ħtiġijiet tad-Direttiva.

(10) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax id-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant sabiex jissottometti iktar informazzjoni jew tagħrif, lill-Istat Membru konċernat li għandu jirrelata, sabiex jiġu ċarati ċerti punti fir-rapport. Is-sottomissjoni ta' iktar informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi kjarifikat id-rapport m'għandhiex taffettwa t-terminu għas-sottomissjoni tar-rapport msemmi fir-reċitazzjoni 12.

(11) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu illi r-Renju Unit għandu isegwi l-eżaminazzjoni dettaljata dwar id-rapport għar-RH-7281 (zoxamide), illi l-Olanda għandha ssegwi l-eżaminazzjoni dettaljata dwar id-rapport għall-B-41;E-187 (milbemectin) u li l-Ġermanja għandha ssegwi l-eżaminazzjoni dettaljata dwar id-rapport għall-BAS500F (pyraclostrobin) u l-AEF130360 (foramsulfuron).

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 28.

(12) Ir-Renju Unit, l-Olanda u l-Ġermanja għandhom jirrappurtaw il-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjonijiet tagħhom akkompanjati bi kwalunkwe rakkommandazzjonijiet dwar l-inklużjoni jew in-non inklużjoni u kwalunkwe kondizzjonijiet relatati magħhom lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u l-iktar tard f'perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-segwenti rapporti jissodisfaw, fil-prinċipju, il-ħtiġijiet dwar l-informazzjoni u t-tagħrif stipulati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkontjeni s-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III ta' mad-Direttiva, tenut kont tal-użi proposti:

1. ir-rapport sottomess mir-Rohm and Haas France SA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan ta' l-inklużjoni tar-RH-7281 (zoxamide) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u li ġie riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil-31 ta' Mejju 2000;
2. ir-rapport sottomess mis-Sankyo Company Limited lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan ta' l-inklużjoni tal-B-41;E-187 (milbemectin) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u li ġie riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil-31 ta' Mejju 2000;
3. ir-rapport sottomess mill-BASF AG lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan ta' l-inklużjoni tal-BAS500F (pyraclostrobin) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u li ġie riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil-31 ta' Mejju 2000;
4. ir-rapport sottomess mill-Aventis GmbH lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan ta' l-inklużjoni tal-AEF130360 (foramsulfuron) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u li ġie riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil- 31 May 2000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni